MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 372/2003

**Francis Dingli**

**vs**

**John Cutajar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fl-14 ta' Frar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360.00) kwantu ghall-ghaxar liri (Lm10.00) dritt tal-Perit, Dok.A, u kwantu ghall-tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350.00) spejjez tax-xogholijiet kif indikati fl-istima peritali Dok.B; hsarat li huma responsabilita` tal-konvenut, konsegwenza tax-xogholijiet minnu maghmula meta zviluppa s-sit adjacenti ma' dak ta' l-attur;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru, 2002 u bl-imghaxijiet legali mill-istess data, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tal-25 ta ' Marzu, 2003, deher id-difensur tal-konvenut li ddikjara li qed jikkontesta t-talba in kwantu l-ammont dovut huwa ta' sebghin lira (Lm70.00) biss.**

**Semgha x-xhieda tal-Perit Paul Camilleri, ta' Francis Dingli u ta' John Cutajar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi l-kaz in kwistjoni jikkoncerna hsarat fil-fond ta' l-attur kawzati minhabba xogholijiet fil-fond adjacenti, ossija bini ta' showroom.**

**2. Il-Perit Camilleri li kien il-Perit tal-konvenut, jikkonferma li kien mar fil-fond ta' l-attur, jikkonferma li kien hemm xi ceramika miksura, u konsenturi fil-hajt. Jirrizulta li meta tellghu il-qoxra mal-proprjeta` tal-konvenut kien thalla spazju ta' xi seba' centimetri mill-hajt ta' l-appogg. Gie konstatat li l-ilma setgha pperkola minn hemm.**

**3. Il-konvenut jikkonferma li biex saru xi xogholijiet intuza jackhammer. L-attur jghid li l-Perit tal-konvenut kien mar ghandu wkoll qabel ma bdew ix-xogholijiet.**

**4. L-attur esebixxa rapport peritali Dok.B dwar id-danni li garrab. Dan ir-rapport kien sar mill-Perit Alan Saliba fil-11 ta' Novembru, 2002.**

**5. It-Tribunal jirrileva li meta saru x-xogholijiet godda, kien l-obbligu tal-konvenut li jara li ma jkunx hemm perkolazzjoni ta' ilma fil-fond ta' l-attur, haga li dwarha ma jidhirx li kienu ittiehdu passi rimedjali.**

**6. It-Tribunal hu soddisfatt li d-danni subiti, b'eccezzjoni ta' dawk li jirrigwardaw l-aerial u t-tinda**

**imqatta, saru konsegwenza tax-xogholijiet li ghamel l-konvenut. L-aerial u t-tinda jammontaw ghall-sittin lira (Lm60.00) liema ammont irid jitnaqqas mill-ammont ta' danni ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350.00) u jibqa' bilanc ta' mitejn u disghin lira Maltija u dana oltre l-ghaxar liri tar-rapport tal-Perit.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) bl-imghaxijiet li ghandhom jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------